GUDJA

Minuti tat-tlieta u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 26 t'April 2012.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sindku: | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsilller: | Osvaldo Pace |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 41/6 (22 ta' Marzu 2012)
   42/6 (17 t'April 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Financial Statements u Rapport tal-Awditur tal-Gvern Lokali

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Konklużjoni

6. Aġġudikazzjoni ta' tenders:-
   a. GLC/01/2012 – Road works
   b. GLC/02/2012 – Footpaths and Pavements works
   c. GLC/04/2012 – Patching works

7. Attivita fit-28 u 29 t'April 2012 – Lejla Gudjana

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 41/6 (22 ta' Marzu 2012)**

**42/6 (17 t'April 2012)**

1.1 Korrezjoni: Tema 7.0 Finanzi – pagna 6. Petty Cash: Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €9.44 għal Frar 2012 kif ippreżentata lill-Kunsill.

Wara din il-korrezjoni il-Kunsill approva l-minuti 41/6 (22 ta' Marzu 2012) nem con.

1.2 Approvazzjoni ta' minuti 42/6 (17 t'April 2012). Il-Kunsill approva il-minuti 42/6 (17 t'April 2012) nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Garaxxijiet miftuħa ħdejn il-Bus Terminus – Il-Gudja. Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellu mal-Ispettur tal-Pulizija, Sur Ramon Mercieca, is-sid ġie obbligat li jagħlaq dawn il-garaxxijiet b'mod permanenti u b'hekk ineħħi l-periklu għar-residenti li għandhom ir-residenza tagħhom fuq dawn il-garaxxijiet. Is-Sindku qal li fil-fatt ix-xogħol meħtieġ diġa sar u tneħħa kull periklu li kien jeżisti.

2.1.2 Fetħa tal-garaxxijiet fi Vjal it-Torri, Gudja. Is-Sindku qal li wara li Trasport Malta (TM) infurmat lill-Kunsill illi ma kienitx fil-kompetenza tat-TM li tawtorizza s-sinjali tat-traffiku, huwa talab il-parir tal-Ispettur Mercieca dwar li hemm ħtieġa li l-ftuħ ta' dawn il-garaxxijiet jinżamm liberu kull ħin u li l-vetturi jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu mingħajr tfixkil.

Is-Sindku qal li l-Ispettur tal-Pulizija awtorizza li fuq kull naħa tal-fetħa jsiru sinjali sofor ta' metru fuq kull naħa u b'hekk il-vetturi li jkunu jostakolaw l-ftuħ ikunu jistgħu jiġu mħarka dwar il-ksur tar-regolarmenti tat-traffiku u b'hekk ikun jista' jiġi assigurat li l-ftuħ ikun liberu f'kull ħin lejl u nhar.

Il-Kunsill approva li jsiru dawn is-sinjali kif awtorizzati mill-Pulizija.

2.1.3 Ħruġ tal-funerali mit-Triq Raymond Caruana Gudja. Is-Sindku qal li l-Pulizija approvaw li Triq Raymond Caruana Gudja tkun kompletament 'one way' dħul biss minn ħdejn Palazzo d'Aurel u għalhekk it-traffiku joħroġ jew minn Triq San Ċiru jew mit-Triq William Baker Gudja. Qed jiġi assigurat li l-vetturi tal-Arriva jidħlu minn Triq Raymond Caruana mingħajr tfixkil għax kien qed jiġri li meta jinzerta xi funeral dan ikun sfrattat meta jinzerta ħiereġ u jiltaqa mal-Arriva li tkun dieħla fi Triq Raymond Caruana.

F'każ li jkun funeral formali bil-banda, dan għandu jiġi infurmat lill-Pulizija u b'hekk ikun jista' jiġi mqabbad Pulizija li ma jħallix traffiku jidħol minn Triq Raymond Caruana waqt li jkun għaddej il-funeral.

2.1.4 Residential Parking fil-Gudja. Is-Sindku qal li dan l-eżerċizzju għadu għaddej mat-TM.

2.1.5 Loading / unloading bay fi Vjal it-Torri Gudja. Is-Sindku qal li dwar dan il-Kunsill għadu għaddej bl-eżeċizzju mat-TM.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Donazzjoni ta' 100 siġra mill-Malta International Airport (MIA). Is-Sur Baldacchino qal li kien qed issir arranġament sabiex l-MIA tagħti mitt siġra lill-Kunsill Lokali Gudja sabiex jissebbaħ l-ambjent fil-Gudja.

2.2.2 Ġnien Ġlormu Cassar – Tax-Xlejli, Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li f'dan il-Ġnien kien qed issir xogħol ta' manutenzjoni li kien jinkludi li l-funtana terġa tibda taħdem u li l-mini pitch jiġi rranġat bit-turf kif ikun possibli.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill ikun jista' jiffinanza x-xogħol dwar dan il-mini pitch possibilment bi sponsorship mill-MIA.

2.2.3 Playing field u softarea ħdejn il-football ground faċċata ta' Palazzo d'Aurel. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li jsir manutenzzjoni u uplifting ta' dawn l-inħawi peress li qed jiġu iffrekwentati aktar mir-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogħlijiet mill-aktar fiss possibli speċjalment fejn huwa meħtieġ li jitneħħa l-periklu.

2.2.4 Periklu ta' traffiku ħdejn il-Mużew fi Triq l-Annunzjata u Triq Santa Marija, Il-Gudja. Is-Sur Baldacchino li hemm il-ħtieġa li jew warden jew Pulizija jiffrekwentaw dawn l-inħawi peress li kemm waqt id-dħul jew fil-ħruġ tat-tfal mill-Mużew u li minkejja li hemm tabelli li ma jidħolx it-traffiku waqt dawn il-ħinijiet, xorta waħda għad hemm min jabbuża u dan qed ikun ta' periklu.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm jew warden jew pulizija sabiex jiġi assigurat li s-sinjali jiġu osservati u ma jkunx hemm xi sewwieqa li jpoġġu l-ħajja tat-tfal fil-periklu.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Attivita dwar l-Mountain Bike Championship nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 2012. Is-Sur Sammut qal li din l-attivita hija parti mill-ħidma tal-Kunsill dwar l-isports għall-kulħadd u għalhekk kien qed jitlob li l-Kunsill japprova l-ispiża ta' tlett pulizija sabiex jipprovdu s-sigurta waqt din l-attivita.

b. Ħidma sabiex l-inħawi (li fil-preżent jinsabu mitluqa) ta' Ħas Saptan jiġu fil-konfini tal-Gudja. Is-Sur Sammut qal li jistgħu isiru trails fil-kampanja li jiġu rikonoxxuti fuq livel internazzjonali. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jkompli jaħdem sabiex issur l-bidliet meħtieġa fil-konfini fil-konfront tal-Gudja u dan sabiex jiġu korreġuti difetti eżistenti fil-konfini uffiċjali tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jħallas għas-sigurta ta' din l-attivita tas-27 ta' Mejju 2012 u li jgħin ukoll kif ikun meħtieġ.

c. After School programme 2011/2012. Tqassim ta' ċertifikati lil dawk kollha li attendew għal skola sports. Is-Sur Sammut qal li din l-attivita sejra ssir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2012 fl-4.00p.m. fl-iskola primarja tal-Gudja Kulleġġ San Beneditu u li c-Chairman tal-KMS is-Sur Bernard Vassallo sejjer iqassam iċ-ċertifikati lil dawk it-tfal li ħadu sehem f'dan il-program ta' taħriġ sportiv.

d. Events – KMS. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill Lokali Gudja flimkien mal-KMS, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari ser jorganizzaw attivitajiet sportivi għall-kulħadd li dawn se jibdew f'Ġunju 2012 u ser isiru ġewwa l-ground tal-football tal-Gudja kull nhar ta' Ġimgħa fis-6.30p.m.Dawn huma miftuħa għall-Gudjani kollha ta' kull eta' u huma mingħajr ebda ħlas.Kull min huwa interessat huwa mitlub sabiex jimla l-informazzjoni mitluba t'hawn taħt u jeħodha fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jew jibgħat email gudja.lc@gov.mt bl-informazzjoni mitluba, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sostenn tiegħu kif ikun meħtieġ.

2.3.2 Anthony Dalli.

a. Kors ta' Health and Safety. Is-Sur Dalli qal li s-Sur Loretu Dalli kien offera s-servizz tiegħu sabiex isiru dan il-kors għal Gudjani fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-Kunsill qabel li jkun hemm l-arranġamenti kif ikun meħtieġ.

b. Kors tal-First Aid. Is-Sur Dalli qal li Prof. V. Sultana reġa offra s-servizz tiegħu li jagħmel dan il-kors bla ħlas. Is-Sur Dalli qal li dan il-kors jista' issir fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim Tul il-Ħajja għaż-żmien ta' Settembru/Ottubru 2012.

c. Ħarġa Soċjali għal Jum l-Omm. Is-Sur Dalli qal li jkun xieraq li l-Kunsill jiċċelebra Jum l-Omm flimkien mar-residenti tal-Gudja. Ghal dan il-għan kien qed jipppproponi dan il-program:- Film fl-Empire Cinema - "L-Imħabba fuq il-Għolja" u wara coffee morning b'kelliema distinti Dr. E. Farrugia u S-Sur James Muscat. Il-Kunsill qabel li jqassam qronfla lill-omminijet li jattendu. Prezz: €7.00 anzjani u €7.50 adulti; €10.00 persuni li m'humiex mill-Gudja. Il-Kunsill ikun responsabbli għall-ispiża ta' transport u li jkun hemm tlett helpers. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa soċjali ssir nhar il-Ħamis

17 ta' Mejju 2012 u li jsiru l-arranġamenti kollha kif ikun meħtieġ sabiex dawn kolha li jattendu jieħdu l-aktar gost u sodisfazzjon.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Servizz tal-X5. Il-Kunsill ikkonsidra li s-servizz tal-Arriva X5 qed jiltaq tard u li fil-ħinijiet bejn l-5.30a.m. u s-7.30a.m. dan għandu ikun aktar spiss. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM dwar dan it-titjieb meħtieġ fis-servizz tat-trasport pubbliku ġewwa l-Gudja.

3.1.2 Lista ta' l-ilmenti. Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti qed jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill u jibqgħu jiġu segwiti kif ikun meħtieġ u b'hekk jiġi assigurat li kull min iressaq ilment għand il-Kunsill jingħata rimedju xieraq u risposta f'waqta anke jekk dan ma jkunx fil-kontrol assolut tal-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċieva l-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kemm fuq bażi individwali kif ukoll b'mod kollettiv sabiex jinkiseb progress li jkun meħtieġ.

## 4.0 Financial Statements u Rapport tal-Awditur tal-Gvern Lokali.

4.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-Financial Statements u rapport tal-Awditur tal-Gvern Lokali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012 u qabel li dawn jiġu iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv u jiġu preżentati lill-awtoritajiet skond il-liġi u skond proċeduri stabbiliti.

## 5.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar – Konklużjoni.

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ix-xogħlijiet tlestew għajr xi nuqqasijiet żgħar. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur sabiex jiġi kunsidrat dwar dak li fadal u wara l-Perit tal-Kunsill ikun jista joħroġ iċ-ċertifikat tat-tkomplija.

## 6.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders:-

**a. GLC/01/2012 – Road works**
**b. GLC/02/2012 – Footpaths and Pavements works**
**c. GLC/04/2012 – Patching works**

6.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Perit William Lewis (il-Perit tal-Kunsill) dwar dawn l-offerti u qabel li dan ir-rapport ta' l-evalwazjoni tal-offerti li rċieva l-Kunsill issiru parti integrali ta' dawn il-minuti u li jkun indikat bħala Dok PWLA1.

6.2.0 GLC/01/2012 – Road Works.

6.1.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-rati għolja ta' dawn l-offerti kif ukoll li l-opinjoni tal-Perit hija li dawn ir-rati huma ferm għolja anke fil-konfront tar-rati oħra ta' xogħlijiet preċedenti li għamel il-Kunsill u għalhekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill ma kellux deċiżjoni finali. Il-Kunsill qabel li tinkiseb aktar tagħrif dwar ir-rati fis-suq tal-asfalt u xogħlijiet meħtieġa.

6.2.2 Il-Kunsill qabel li Triq San Pawl għandha tingħata l-akbar prijorita peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill ikkonsidra ukoll dwar xogħlijiet meħtieġa dwar Triq il-Kbira u toroq oħra (feeders) u li dwar kif dawn ix-xogħlijiet jistgħu ssiru b'mod effiċjenti.

6.2.3 Il-Kunsill huwa tal-fehma li fiċ-ċirkustanzi għandu jsir dak kollu possibli sabiex jinkisbu l-aħjar pezzijiet u li xogħlijiet meħtieġa jiġu mwettqa b'mod li l-Kunsill jikseb l-aħjar valur għal flus li jintefqu b'risq ir-residenti tal-Gudja u fl-aqsar żmien possibli.

6.3.0 GLC/02/2012 – Footpaths & Pavements works.

6.3.1 Il-Kunsill qabel li jimxi mar-rapport tal-Perit William Lewis u li l-aħjar offerta hija dik tal-kuntrattur CMG Developers Ltd u għalhekk għandu jagħmel il-kuntratt mal-CMG Developers Ltd skond ir-rati u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-offerta.

6.4.0 GLC/04/2012 – Patching works. Il-Kunsill qabel li l-aħjar offerta hija dik tal-kuntrattur Gordon Ellul u għalhekk għandu jagħmel il-kuntratt ma' Gordon Ellul skond ir-rati u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-offerta.

**7.0 Attivita fit-28 u 29 t'April 2012 – Lejl Speċjali, Kulturali u Artistiku Gudjan.**

7.1 Il-Kunsill ingħata tagħrif dwar din l-okkażjoni li sejra ssir prinċipalment fil-Kappella ta' Bir Miftuħ u fl-inħawi qrib tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja.

7.2 Il-qofol tal-attivita fit-28 t'April 2012 huwa l-Oratorio Santa Marija fil-Kappella ta' Bir Mifutħ u l-preżentazjoni tal-Mappa Turisitika tal-Gudja.

7.3 Il-qofol tal-attivita tal-Ħadd 29 t'April 2012 sejra tkun mass band magħmula miż-żewġ baned tal-Gudja, dik tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta u Soċjeta Filarmonika La Stella. Din l-mass band sejra tesegwixxi programm mużikali li jitlaq mill-Kappella ta' Bir

Miftuħ u jimxi fit-toroq tal-Gudja u jispiċċa fil-Pjazza Ewlenija quddiem il-Parroċċa Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja.

7.4 Finalment jingħataw tifkiriet lil dawk li ħadmu u ipparteċipaw f'din l-attivita.

7.5 Il-Kunsill ġie infurmat li €2000.00 serjin jingħataw mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond skema ta' finanzjament ta' inċentiv dwar l-attivitajiet kulturali għall-Kunsilli Lokali u qed ukoll imwiegħed sponsorship ta' madwar €500.00 Il-Kunsill qabel li peress li din l-attivita hija ukoll parti mill-Programm tal-Kunsill li jagħmel lill-Gudja ta' attrazzjoni turistika, l-Kunsill jagħmel il-finanzjament kif ikun meħtieġ.

## 8.0 Finanzi

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €60.25 ta' Marzu 2012 kif ippreżentata lill-Kunsill.

8.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2012 għas-somma totali ta' €24,520.30 ġiet approvata kif ippreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda tal-pagamenti.

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

8.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u nefqa kif indikati f'dawn il-minuti.

8.3.2 Il-Kunsill approva ukoll xiri ta' żebgħa, pompa tal-eletriku u xogħlijiet fil-funtana ta' Ġnien G. Cassar, Tax-Xlejli, xogħol fil-funtana ta' Ġnien Raymond Caruana u xogħlijiet ta' tabelli u sinjali tat-traffiku ġewwa l-Gudja.

## 9.0 Għeluq tal-laqgħa

9.1 Laqgħa mal-uffiċjali tal-MEUSAC dwar funding. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-MEUSAC sabiex jingħata tlett dati u ħin sabiex dawn l-uffiċċjali jkunu jistgħu jindirizzaw lill-Kunsill waqt laqgħa li tiġi msejħa apposta għal dan il-għan u b'hekk il-Kunsill jikseb informazzjoni u għajnuna dwar kif jikseb fondi mill-Ewropa għal proġetti tiegħu.

9.2 Xogħol fis-service road Triq Ħal Tarxien Gudja. Il-Kunsill qabel li tinkiseb stima mingħnad il-Perit sabiex jiġu kunsiderat dak meħtieġ peress li din il-parti tat-triq tifforma ukoll parti mill-proġett tal-Mitħna.

### *Aġġornament*

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Mejju 2012 fuq agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________